



Brussell, 19 ta' April 2021
(OR. en)

7931/21

CFSP/PESC 382	COHOM 76
COPS 143	COVID-19 154
MAMA 66	CONUN 56
WTO 110	JAI 395
ENV 235	COTER 47
ENER 124	TRANS 216
ECOFIN 351	EMPL 154
BUDGET 6	DIGIT 49
DEVGEN 75	EDUC 125

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7850/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda ġdida għall-Mediterran

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar - Aġenda ġdida għall-Mediterran, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fis-16 ta' April 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR SĦUBIJA MĠEDDA MAL-VIĊINAT TAN-NOFSINHAR – AĠENDA ĠDIDA GĦALL-MEDITERRAN

1. Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ambjentali u għani huwa prijorità strateġika komuni u interess fundamentali kemm għall-UE kif ukoll għas-sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar. L-isfidi globali u reġjonali żdiedu u enfasizzaw l-interdipendenza reċiproka tagħna. Huwa biss permezz ta' azzjoni aktar b'saħħha fi spirtu ta' sħubija u sjieda konġunta li ser jintlaḥqu l-oġettivi stabbiliti 25 sena ilu f'Barċellona biex iġibu l-paċi, l-istabbiltà u l-ġid lill-poplu tal-Mediterran.
2. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020 u fid-Dikjarazzjoni tal-membri tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Frar 2021, il-Kunsill jtenni d-determinazzjoni tiegħu li jgħedded u jkompli jsaħħa is-sħubija strateġika tal-UE mas-Sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jiġu indirizzati sfidi komuni, jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet komuni u jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjun komuni tagħna. Huwa jieħu impenn li jagħmel dan flimkien mal-pajjiżi sħab, filwaqt li jibni fuq ir-riflessjoni konġunta mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar li nbdiel fil-laqgħa Ministerjali bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Viċinat li saret f'Barċellona fis-26 ta' Novembru 2020.
3. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt qawwi kemm fuq l-UE kif ukoll fuq is-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha b'implikazzjonijiet negattivi kemm fuq is-saħħa kif ukoll fuq l-għajxien taċ-ċittadini. Iż-żona tal-Mediterran hija magħrufa wkoll bħala ċentru ewlieni tat-tibdil fil-klima, li diġà ntlaqtet ferm minn deżertifikazzjoni aċċellerata, skarsezza tal-ilma u temperaturi aktar għoljin. Dawn il-kriżijiet urew l-interdipendenza dejjem akbar tar-reġjun tal-Mediterran u enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħa ir-reżiljenza komuni u li jinfetħu toroq ġodda għal kooperazzjoni akbar. Flimkien mal-opportunitajiet ġodda li għabu magħhom it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, dan jiftaħ opportunitajiet ġodda biex tiġi żviluppata aġenda pożittiva għas-sħubija.

4. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-proposta tagħha għal Aġenda ġdida għall-Mediterran u jappella għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tagħha. Dan l-impenn imġedded tal-UE huwa ggwidat mill-Aġenda Strateġika 2019-2024 u l-prinċipji ewlenin tal-politika Ewropea tal-Viċinat, billi jibni fuq il-kisbiet u l-esperjenzi ta' din tal-aħħar, u huwa appoġġat mill-użu effettiv tal-istrumenti kollha tal-UE. Il-Kunsill jinsab kuntent bil-preżentazzjoni ta' Pjan Ekonomiku u ta' Investiment li jista' jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi u jiġu protetti l-beni komuni Mediterranji tagħna fil-livelli nazzjonali, lokali, multinazzjonali u reġjonali.
5. Hemm bżonn li jissaħħaħ b'mod sinifikanti d-djalogu politiku madwar il-Mediterran. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jipproponi li l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE u tas-sħab tan-Nofsinhar jiltaqgħu fuq bażi annwali biex jirrevedu l-progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda l-ġdida għall-Mediterran. Is-Summits tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern jistgħu jiġu organizzati wkoll sabiex jissaħħu l-gwida politika u l-viżibbiltà tas-Sħubija tan-Nofsinhar imġedda. F'dan il-qafas, filwaqt li titqies il-ħidma tal-Unjoni tal-Mediterran, huwa jinkoraġġixxi wkoll lill-Ministri Settorjali biex jiltaqgħu meta rilevanti biex jimxu 'l quddiem f'oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni għall-Viċinat tan-Nofsinhar. Għandu jsir użu sħiħ mill-mezzi stabbiliti, b'mod partikolari l-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni u l-Prijoritajiet tas-Sħubija, li għadhom il-qafas politiku fundamentali u l-bażi tal-programmazzjoni ta' assistenza, u l-Kunsill ser ikun involut bis-sħiħ fit-tħejjija tagħhom.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata viżibbiltà adegwata tal-impenn politiku u l-kooperazzjoni mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' diplomazija pubblika, u sforzi konġunti tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Huwa jappellabiex ikomplu jissaħħu l-komunikazzjonijiet strateġiċi tal-UE man-Nofsinhar, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex tiġi promossa r-realizzazzjoni ta' ambjenti ta' informazzjoni tajbin u l-libertà tal-espressjoni u tal-media kif ukoll miżuri li jindirizzaw id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni.

7. It-tiegħi tal-irkupru soċjoekonomiku sostenibbli fit-tul u l-ħolqien tal-impjiegi fil-Viċinat tan-Nofsinhar huwa prijorità komuni ewlenija u s-sisien innovattiv tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-mobilizzazzjoni tal-investiment, inkluż mis-settur privat, u appoġġ finanzjarju u tekniku ser ikunu kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tar-reġjun. L-UE għandha tuża l-istrumenti kollha tagħha u tinvolvi ruħha mal-istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Internazzjonali biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva, rapida u mfassla apposta tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran. L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi mis-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-oqsma tal-governanza, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà makroekonomika, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-ambjent tan-negozju ser tkun kruċjali biex naħsdu l-benefiċċji kollha mill-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment u biex ikun jista' jinkiseb suċċess konġunt ta-Sħubija mgħadda.
8. Il-Kunsill jafferma mill-għdid il-politika ta' prinċipju tiegħu dwar il-governanza tajba, il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt. Huma parti integrali mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u mis-sħubija tagħna sa mid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona tal-1995, u huma essenzjali biex jiggwarantixxu l-istabbiltà, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli dejjiema fir-reġjun. Il-Kunsill ifakkar li s-Sħubija tan-Nofsinhar hija żviluppata biex tkun ta' benefiċċju għall-popolazzjonijiet fuq iż-żewġ it-tut tal-Mediterran u li d-dimensjoni umana tagħha hija ċentrali għas-suċċess tagħha. Il-governanza tajba, inkluż permezz ta' amministrazzjoni pubblika effettiva, ġusta u trasparenti, il-ġlieda mas-saħħa kontra l-korruzzjoni u l-aċċess ugwali għall-ġustizzja, jaġixxu wkoll bħala sisien għat-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi. Skont il-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-2020-2024", il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti lill-ħidma kontinwa mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u l-integrazzjoni tiegħu fl-aġenda tal-kooperazzjoni tagħna. L-UE għandha tippromwovi riformi f'dawn l-oqsma, inkluż permezz tal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi kif stipulat fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), fejn ser jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali lil daww il-pajjiżi li juru impenn qawwi biex jimplimentaw u jagħmlu progress lejn, fost l-oħrajn, riformi demokratiċi, ta' governanza tajba u tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari daww ir-riformi maqbula b'mod konġunt.

9. Il-promozzjoni ta' opportunitajiet kredibbli u sostenibbli għaż-żgħażaġh għandha tkun fil-qalba tal-kooperazzjoni tagħna. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'dibattiti pubbliċi u biex l-aġenda taż-żgħażaġh tiġi integrata fil-kooperazzjoni tagħna, jissaħħaħ l-appoġġ tagħna għall-edukazzjoni u jiżdiedu l-kuntatti bejn il-persuni, inkluż f'Erasmus +, f'ambjent sikur u protett. Huwa jappoġġa wkoll il-kooperazzjoni msaħħa fir-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Kultura, inkluż permezz ta' assoċjazzjoni mal-Programm Orizzont Ewropa u l-programm Ewropa Kreattiva. Barra minn hekk, sabiex jitrawmu l-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku bejn l-UE u l-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha, għandu jissaħħaħ id-djalogu tas-soċjetà ċivili bejn iż-żewġt ixtut tal-Mediterran. Il-Kunsill jissottolinja li huwa essenzjali li jissaħħaħ l-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili, inkluż il-promozzjoni ta' ambjent sikur u favorevoli, peress li kwalunkwe demokrazija tiddependi fuq soċjetà ċivili libera u ħajja. Dan ser ikun parti integrali mill-implimentazzjoni tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-media indipendenti u pluralistika u s-sikurezza tal-ġurnalisti. Huwa jappella għal aktar sforzi fit-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istrumenti u l-programmi ta' kooperazzjoni kollha, kif ukoll il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, u b'kont meħud tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar it-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

10. Il-Kunsill jenfasizza li ekonomiji reżiljenti, sostenibbli, inklużivi, u konnessi huma essenzjali għall-ġustizzja soċjali, xogħol deċenti u azzjoni effettiva tal-gvern kif ukoll il-kummerċ u l-għibda u ż-żamma tal-investment bil-għan li jinħolqu impjiegi u opportunitajiet deċenti speċjalment għaż-żgħażaġh. Huwa jenfasizza l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji u l-ktajjen tal-valur, inkluż permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet industrijali, u klima tan-negozju mtejbja li tkun ta' benefiċċju għas-settur privat, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u tista' toħloq opportunitajiet ġodda, inkluż id-"delokalizzazzjoni" meta din tgħin biex jiġu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi tal-katina tal-valur, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19. Il-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment fil-livell multilaterali fil-kuntest tad-WTO, il-livelli kontinentali bilaterali, subreġjonali u reġjonali, inkluż permezz tal-approssimazzjoni regolatorja, u t-tneħħija progressiva tal-ostakli mhux tariffarji u l-ispejjeż kummerċjali, kif ukoll l-iżvilupp rapidu tan-Network Trans-Mediterranju u konnettività diġitali aħjar u trasformazzjoni diġitali innovattiva, ser ikunu muturi qawwija tal-kompetittività, l-integrazzjoni ekonomika u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issegwi l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti u l-konformità magħhom, kif ukoll biex tistimula aktar l-użu ta' preferenzi. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jsir progress fil-modernizzazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment bejn is-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-UE, li jibda mill-progress lejn l-istabbiliment ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi. Huwa jistenna b'interess ukoll opportunitajiet ġodda li jistgħu jirriżultaw mid-diskussjoni li jmiss dwar ir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali tal-UE f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jappoġġa l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali riveduta dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji (Konvenzjoni PEM), li ser trawwem aktar integrazzjoni reġjonali. Il-Kunsill jesprimi r-rieda tal-UE li taħdem mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jiġu appoġġati l-politiki ekonomiċi, soċjali, kummerċjali u ta' investment tagħhom li jippromwovu opportunitajiet indaqs u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jagħtu prijorità lill-inklużjoni, djalogu soċjali sinifikanti u protezzjoni soċjali mmirata sew biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u territorjali eżistenti.

11. L-azzjoni klimatika u l-kwistjonijiet tal-enerġija, b'mod partikolari l-progress fit-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika, huma pilastru fundamentali tal-politika tagħna fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Il-Kunsill huwa konvint li billi naħdmu flimkien mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħna, skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2021 dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Enerġija, nistgħu nibdlu l-isfidi klimatiċi u ambjentali f'opportunitajiet kbar għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li nikkontribwixxu għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva, inkluż permezz tal-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi u l-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti. Skont id-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE ser taħdem mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha biex tissodisfa l-Kontributi Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi u żżid l-ambizzjonijiet klimatiċi tagħhom, inkluż billi tappoġġa l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni enerġetika. L-UE ser taħdem ukoll mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha biex jiġu promossi l-interkonnessjonijiet u l-kummerċ fi trasportaturi tal-enerġija sostenibbli mal-UE. Ser tinvolvi ruħha mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Internazzjonali u s-settur privat biex tippromwovi l-iżvilupp ta' sistema ekonomika u finanzjarja li tappoġġa t-tkabbir sostenibbli, inkluż prodotti finanzjarji sostenibbli, u li hija adattata għal-limitazzjonijiet klimatiċi. L-UE ser taħdem ukoll mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex tippromwovi t-tranżizzjoni enerġetika filwaqt li ttejjeb is-sigurtà tal-enerġija, b'kont meħud tas-sitwazzjoni ta' kull sieħeb. Il-Viċinat tan-Nofsinhar ser jaqdi rwol importanti fil-kisba tal-oġettiv ta' dinja b'impatt newtrali fuq il-klima kif ukoll fir-rigward tar-relazzjonijiet tal-enerġija fir-rigward tal-UE, fost l-oħrajn fil-qafas ta' kooperazzjoni għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' miżuri ta' appoġġ għall-konservazzjoni, il-protezzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità rikka tal-baċir tal-Mediterran, ċentru uniku ta' diversifikazzjoni għall-ispeċijiet tal-fawna u tal-flora, tal-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, inkluż l-ilma, u t-tisħiħ tas-sistemi sostenibbli tal-ikel.

12. L-Ekonomija Blu tirrappreżenta għodda qawwija għall-ġestjoni tal-beni komuni tal-Mediterran, u b'hekk tippromwovi ekonomiji sostenibbli fir-reġjun tal-Mediterran peress li tirrikonċilja t-tkabbir ekonomiku, l-għajxien imtejjeb u l-inklużjoni soċjali mal-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar u kostali, l-użu sostenibbli tar-riżorsi, il-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-UE ser tintegra l-potenzjal tal-Ekonomija Blu tal-Baħar Mediterran fl-ippjanar tal-iżvilupp ekonomiku, flimkien mal-ekonomija soċjali. F'dan il-qafas, il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li jittieħed kont tad-dikjarazzjoni Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran dwar l-Ekonomija Blu Sostenibbli (2 ta' Frar 2021) u tal-ħidma implimentata fl-Inizjattiva għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu fir-reġjun tal-Mediterran tal-Punent (Inizjattiva WestMED).

13. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li naħdmu flimkien biex b'mod konġunt nindirizzaw b'mod effiċjenti u effettiv l-isfidi tal-ispostament furzat, il-migrazzjoni irregolari, kif ukoll l-aspetti l-oħra kollha tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluż il-migrazzjoni legali, skont il-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri, permezz ta' sħubiji komprensivi, imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku, ibbażati fuq interessi u impenji komuni. Bil-għan ta' din il-kooperazzjoni, l-UE ser tapplika approċċ ta' "rotta sħiħa", ser tieħu kont ukoll tal-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tas-sħab tagħna ta' ftehimiet u djalogi eżistenti u futuri tal-UE dwar il-migrazzjoni, timmira lejn riżultati tanġibbli u tistinka għal koordinazzjoni effettiva bejn l-isforzi tal-UE, l-Istati Membri u s-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar skont l-approċċ ta' Tim Ewropa. F'dan il-kuntest, l-UE żżomm l-impenn qawwi tagħha lejn il-protezzjoni internazzjonali, u li tipprovdi soluzzjonijiet li jsalvaw il-ħajja, inkluż il-prevenzjoni tat-telf ta' ħajjiet fuq il-baħar, kif ukoll l-appoġġ għall-komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu fir-reġjun. Hija ser taħdem ukoll mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, li jibni opportunitajiet soċjoekonomiċi, speċjalment perspettivi mtejbha għaż-żgħażagħ, inkluż permezz ta' inizjattivi previsti fil-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment fil-kuntest tal-irkupru tal-COVID-19. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal governanza effettiva tal-migrazzjoni u l-ażil, inkluż fuq il-ġestjoni tal-fruntieri, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tat-tiftix u s-salvataġġ, kooperazzjoni msaħħa u komprensiva fuq ir-ritorn u r-riammissjoni, bl-użu tal-politiki rilevanti kollha disponibbli għall-UE, u riintegrazzjoni sostenibbli, inkluż it-trawwim tar-ritorn volontarju, ser ikunu wkoll prijoritajiet ewlenin. L-isforzi komuni għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali għandhom jiżdiedu b'mod sinifikanti. L-UE tixtieq ukoll timpenja lis-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-indirizzar tal-mobbiltà u l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, inkluż il-migrazzjoni legali, skont il-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri. Il-kooperazzjoni fil-livell reġjonali u subreġjonali għandha tiġi esplorata aktar, inkluż permezz ta' kooperazzjoni trijangolari u kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni trilaterali man-NU u atturi reġjonali. L-UE ser tappoġġa bis-sħiħ dawn l-isforzi billi timmobilizza l-għodod u l-istrumenti ta' politika rilevanti kollha, u tiżgura finanzjament adegwat u prevedibbli skont l-istrumenti disponibbli rilevanti, inkluż l-NDICI-Ewropa Globali. Dan jista' jinvolvi l-użu tal-mekkaniżmu ta' finanzjament flessibbli kif deskritt fl-NDICI-Ewropa Globali.

14. Filwaqt li jibni fuq is-solidarjetà affermata mill-ġdid matul il-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-UE u s-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' thejjiġa u ta' rispons tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, u biex jiġu megħjuna dawk l-aktar vulnerabbli u dawk f'riskju. Il-Kunsill għadu impenjat lejn it-titjib tal-aċċess għall-vaċċini għall-gruppi ta' prijorità fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu, abbażi ta' prinċipji komuni, u lejn l-appoġġ ta' approċċ globali permezz tal-Faċilità COVAX bħala l-inizjattiva globali biex jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha jkollhom aċċess ekwu u ġust għal vaċċini sikuri u effettivi. Huwa jfakkar fir-rwol tal-UE u l-Istati Membri tagħha bħala d-donaturi ewlenin għall-faċilità COVAX, li ser tippovdi vaċċini lill-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar parteċipanti kollha b'mod ġust u trasparenti.
15. Il-konflitti u l-kriżijiet fir-reġjun huma sors ewlieni ta' tbatija umana. Huma jikkostitwixxu wkoll ostakli kbar għall-istabbiltà politika u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jappella għal sforzi mġedda li jwasslu għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti, l-istabbilizzazzjoni ta' wara l-konflitt u l-ħolqien tal-paċi, bl-użu tal-ġhodod kollha għad-dispożizzjoni tal-UE u tas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar, inkluż il-promozzjoni ta' miżuri għall-bini tal-fiduċja, b'mod integrat u f'koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab internazzjonali oħra. Għandu jiġi żviluppat dialogu politiku mtejjeb u intensifikat madwar il-Mediterran biex jibni l-fiduċja, inaqqas it-tensjonijiet u jgħin biex jissolvew il-konflitti, filwaqt li jibni wkoll fuq l-ispinta li taw l-iżviluppi pożittivi reċenti fir-reġjun usa'. Huwa jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima jaggrava ħafna sfidi fir-reġjun. Il-Kunsill itenni li, fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet għall-kriżijiet fir-reġjun, l-UE ser tkompli tappoġġa lin-Nazzjonijiet Uniti (NU) u tinvolvi ruħha ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari l-Lega tal-Istati Għarab, l-Unjoni Afrikana, u organizzazzjonijiet subreġjonali rilevanti kif ukoll partijiet ikkonċernati reġjonali u globali oħra. F'dan ir-rigward, huwa jtenni l-importanza li wieħed jaderixxi mad-dritt internazzjonali, inkluż fost l-oħrajn il-UNCLOS. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-parteeipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikanti tan-nisa kif ukoll ir-rwol ewlieni taż-żgħażaġħ fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paċi.

16. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE u s-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha jaqsmu interess komuni fl-appoġġ ta' sistema multilaterali rivitalizzata u adatta għall-iskop tagħha bin-NU fil-qalba tagħha. Huwa ħerqan li jinvolti ruħu mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar f'fora multilaterali, b'mod partikolari dwar il-klima, il-paċi u s-sigurtà, dwar kwistjonijiet globali abbażi tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, u fit-tisħiħ tal-kummerċ ibbażat fuq ir-regoli, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali.
17. Il-Kunsill jissottolinja li t-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni, it-theddid ċibernetiku u ibridu kif ukoll il-kriminalità organizzata, inkluż il-kummerċ ta' armi tan-nar illegali u t-traffikar illeċitu ta' proprjetà kulturali, huma theddidiet kbar li jaffettwaw iż-żewġt ixtut tal-Mediterran u ta' spiss huma interkonnessi. L-UE hija ħerqana li tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar f'dan il-qasam, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz ta' djalogi aktar fil-fond dwar is-sigurtà, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzzjament tat-terroriżmu, kif ukoll il-flussi finanzjarji illeċiti u t-traffikar illeċitu, u l-qerda tal-wirt kulturali. Jistenna b'interess li jsaħħaħ il-kooperazzjoni kontra t-theddid ċibernetiku billi jibni reżiljenza ċibernetika, jiżviluppa attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u jagħmel użu sħiħ mill-oqfsa internazzjonali eżistenti biex jippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur. Il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn is-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Aġenziji tal-UE, inkluż permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet rilevanti, u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni fuq il-Mitigazzjoni tar-Riskju Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari u fuq il-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u fuq iċ-ċiberkriminalità. Huwa jilqa' l-proposta li jiġu offruti pakketti ta' sigurtà aktar komprensivi lis-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar li lesti jkabbru l-kooperazzjoni dwar firxa ta' kwistjonijiet, inkluż il-kooperazzjoni operazzjonali. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari lin-nuqqas ta' sigurtà fiż-żona tas-Saħel-Saħara minħabba l-effett konsegwenzjali tagħha għar-reġjun tal-Mediterran.

18. Il-Kunsill jirrikonoxxi li d-djalogu u l-kooperazzjoni reġjonali huma l-aħjar mod kif tiġi ottimizzata l-azzjoni konġunta tal-UE mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha fl-indirizzar tal-isfidi, li ħafna minnhom huma reġjonali min-natura tagħhom. Huwa jappella biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali, subreġjonali u interreġjonali. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) bħala pjattaforma indispensabbli għall-kooperazzjoni reġjonali, u jappella għal aktar enfasi fuq il-kooperazzjoni subreġjonali, filwaqt li jittieħed kont tad-djalogi eżistenti. Huwa jinkoraġġixxi wkoll inizzjattivi biex jiġi appoġġat aktar progress fil-kooperazzjoni fuq beni komuni Mediterranji. Il-Kunsill jilqa' l-proposti li tiġi żviluppata kooperazzjoni interreġjonali, b'mod partikolari bejn l-Afrika ta' Fuq u dik sub-Saħarjana, kif ukoll mar-reġjuni tal-Golf u tal-Baħar l-Aħmar, inkluż permezz ta' inizzjattivi prammatiċi bbażati fuq il-ġeometrija varjabbli, inkluż kooperazzjoni trilaterali kif stipulat mill-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli.

19. L-UE ser tuża l-istrumenti kollha tagħha, inkluż l-NDICI-Ewropa Globali u l-EFSD+ biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva, rapida u mfassla apposta tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran. Il-Kunsill itenni l-prinċipji ta' sjieda u differenzjazzjoni minquxa fil-Politika Ewropea tal-Viċinat. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jew dokumenti ekwivalenti għadhom il-qafas politiku essenzjali għal impenn bilaterali mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar. Abbażi tal-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi stabbilit fl-NDICI-Ewropa Globali, l-appoġġ tal-UE ser jiġi aġġustat għall-ambizzjonijiet ta' kull sieħeb u l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom fir-rigward tal-valuri komuni u r-riforma. Dan jinkludi li l-appoġġ jiġi bbażat fuq il-prestazzjoni u l-progress lejn ir-riformi, b'mod partikolari dawk ir-riformi maqbula b'mod konġunt. Il-Kunsill jistenna b'interess il-bidu rapidu tan-negozjati tal-Prijoritajiet tas-Sħubija u l-involviment sħiħ tal-Kunsill f'dan il-proċess mas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar kollha, peress li l-Prijoritajiet tas-Sħubija jservu bħala l-bażi għall-programmazzjoni ta' assistenza u l-użu koerenti u integrat ta' strumenti oħra skont l-interessi u l-valuri tas-Sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-UE. Il-Kunsill għadu impenjat lejn l-approċċ ta' Tim Ewropa, jinsab lest li jsaħħaħ l-isforzi biex issir ħidma aħjar flimkien, inkluż permezz ta' programmazzjoni konġunta u l-mobilizzazzjoni tat-TAIEX u l-Ġemellaġġ, u jappella għal approċċ aktar strateġiku u inklużiv fl-isforzi tagħna ta' assistenza għall-iżvilupp, inkluż permezz ta' sforzi konġunti ta' komunikazzjoni strateġika. Il-Kunsill jappella lill-membri ta' Tim Ewropa biex jikkoordinaw mill-qrib u b'mod konġunt ifasslu, jimplimentaw u jimmonitorjaw l-inizjattivi ta' Tim Ewropa b'mod inklużiv. L-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill hija impriża konġunta u responsabbiltà maqsuma bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment dwar il-kisbiet fiil-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment. Huwa ser iwettaq reviżjoni tal-Aġenda għall-Mediterran u ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill fl-2024. Il-Kunsill jipproponi li jirrapporta, b'mod konġunt mal-Kummissjoni u mas-SEAE, dwar il-progress fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Aġenda l-għdida għall-Mediterran u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2021.